## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 392/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Clayton Fenech**

**Josephine Grixti**

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2022

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Clayton Fenech** ta' 25 sena, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 461189(M) u **Josephine Grixti** ta' 49 sena, u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 534265(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-lejl ta' nhar il-21 ta' Lulju 2014 għal ħabta ta' 01.00am ġewwa Triq Testaferrata Ta' Xbiex u fil-Gżejjer ta' Malta:

1. Mingħajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lill-Robert Thomas Owen detentur ta' Karta ta' Identita' Maltija 047495A kontra l-volonta' tieghu;

2. Talli fi 21 ta' Lulju 2014, minn fuq il-persuna, ikkommettew serq ta' flus kontanti, għad-detriment ta' Robert Thomas Owen liema serq ma' jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-dannu ta' Robert Thomas Owen u/jew persuni oħra liema serq u kwalifikat bil-ħin u vjolenza;

3. Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqgħu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew xort'oħra sabiex jindaħlu biex jbiegħu jew jmexxu;

4. Fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi, bl-imġiba tagħhom ikkaġunaw lil Robert Thomas Owen biża' li ser tintuża vjolenza kontrih, meta kienu jafu jew messhom jafu li dik l-imġiba tagħhom se jikkaġunaw biża'.

Lil **Clayton Fenech** waħdu ukoll:

5. talli hedded u nġurja lil Robert Thomas Owen bi strument li jaqta' u bil-ponta (mus) mingħajr ma darbu; u
6. U talli kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) mingħajr liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil **Josephine Grixti** wahidha talli :

7. F' Ta'Xbiex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' 21 ta' Lulju 2014 għall-ħabta tas-01.00am, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali;

8. U aktar talli fl-10 ta' Settembru 2014, ġewwa il-Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer, f'ħin u ċirkostanzi mhux magħrufa, inġurjat jew heddedt jew għamlet offiża fuq persuna inkarigata u cioe' lil WPS261 Donna Frendo, skond il-liġi minn servizz pubbliku li jkun qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxi fuqu jew jbeżżgħu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna tal-istess ufficjal tal-Pulizija imsemmi fl-akkużi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Aktar talli fl-istess lok data, ħin u ċirkostanzi ħebbet għall-istess uffiċjal pubbliku imsemmi sabiex tingurja jew tagħmel xi ħsara lill-istess uffiċjal pubbliku u dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi mogħtija lilha hekk mill-Pulizija jew ma ħallitx jew fixklitu waqt li kien qed jagħmel dmirijietu, jew b'xi mod bla jedd indaħlet fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-korp tal-pulizija jagħmel dak li b'liġi kien ordnat li jagħmel u billi ħassar jew ġab fix-xejn dak l' il-membru tal-korp tal-Pulizija bħala awtorita kien għamel u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. U aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi qalet kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagħa u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi rrifjutat li tagħti lill-uffiċjal pubbliku ċioe' lil Pulizija lil WPS 261 li kien inkarigat minn dan is-servizz skond il-liġi waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu isimha, kunjomha, fejn toqgħod u partikularijiet oħra, u dan ai terminu tal-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. U kif ukoll talli hija kisret il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.Anthony Micallef Trigona LLD nhar 24 ta' April 2013 fejn hija kienet ġiet misjuba ħatja ta' reat u lliberata taħt kundizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin.

15. **It-tnejn flimkien** wkoll talli rrendew ruħhom reċedivi b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Uffiċjal Pubbliku tal-Korp tal-Pulizija kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li barra il-piena skond il-ligi tordna l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jottjeni il-licenzja tal-arma

għal żmien mhux anqas minn tliet snin kif ukoll li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javviċinaw lill-persuna u r-residenza tiegħu kif ukoll il-post li tali persuna jiffrekwenta, kif ukoll li f'kaz ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju 2015 li biha ma sabitx lill-imputat Clayton Fenech ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnhom; Dwar Josephine Grixti, wara li ma ħaditx konjizzjoni ulterjuri tat-tnax-il imputazzjoni miġjuba kontra tagħha ma sabithiex ħatja tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn , tlieta, erbgħa, sitta u tlettax u illiberatha minnhom waqt li sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet numru ħamsa sebgħa, tmienja, disgħa, għaxra u ħdax u għalihom kienet ikkundannata sitt xhur priġunerija u multa ta' elf Euro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali intavolat fil-31 ta' Lulju 2015 li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Josephine Grixti ħatja tal-imputazzjonijiet numru 5, 7, 8, 9 10 u 11; u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellat Clayton Fenech mill-imputazzjonjiet kollha miġjuba kontrih u f'dik il-parti ta' fejn illiberat lill-appellata Josephine Grixti mill-imputazzjonijiet numri (1), (2), (3), (4), (6) u (13) u minflok tgħaddi sabiex issib ħtija fl-appellati skont l-imputazzjonijiet kollha u tinfliġġi piena skont il-liġi u tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata taz-zewg appellati kif ordnat minn din il-Qorti;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Avukat Generali u tad-difensur tal-appellata;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali li hassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti bl-aggravju singolari li din ghamlet enuncjazzjoni żbaljata tal-Liġi meta lliberat lill-appellat minn kull htija u lill-appellata minn parti mill-imputazzjonijiet. Il-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati jirrigwardaw zewg incidenti separati fejn iz-zewg imputati kienu allegatament involuti fi pjan li fih, wara li l-imputata talbet sigarett lill-terza persuna, dan safa sekwestrat u misruq miz-zewg imputati. Fit-tieni incident, wara li l-Pulizija kienet qed tfittex lill-imputata, ghaddiet ghall-arrest taghha madwar xaharejn wara l-ewwel incident meta intlemhet gewwa l-Marsa u waqt dak l-arrest allegatament ikkommettiet oltragg u offizi ohra;

2. Illi kwantu l-ewwel incident, l-ewwel Qorti rriskontrat inkonsistenza bejn il-lok indikat fic-citazzjoni u dak li rrizulta mix-xhieda ghaliex filwaqt illi c-citazzjoni tghid li dan sehh fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex u fil-Gzejjer ta' Malta, l-provi mressqa kienu konflingenti meta deher li l-incident sehh fi Triq Sir Ugo Mifsud gewwa Ta' Xbiex. B'hekk ikkonkludiet bil-mod segwenti:

> ***Illi f'dawn il-proceduri tressqu diversi pulizija li b'xi mod jew iehor kienu involuti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Min fosthom irrefera ghall-post ta' fejn sehh l-incident indikah bhala***

*Triq Sir Ugo Mifsud f'appartamenti maghrufa b'l-isem Ideal Flats uf fil-lokalita tal-Gzira; dan jirrizulta li huwa l-indirizz ta' residenza ta'l-imputat clayton Fenech.*

*Illi fil-fatt il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li fil-21 ta' Lulju 2014 f'Testaferrata Street, Ta' Xbiex ma gara xejn li fuqu huma bazati l-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'l-imputat Clayton Fenech u l-ewwel erbgha imputazzjonijiet migjuba kontra l-imptuata Josephine Grixti. Konsegwentement, u la darba jirreferu ghal fatti li graw fi Triq Testaferrata Ta' Xbiex, dawn l-imputazzjonijiet ma jistghux irrizultaw kif dedotti.*

3. Illi sabiex jitqieghed kollox in perspettiva dwar l-ewwel sitt imputazzjonijiet, Robert Thomas Owen xehed illi waqt li kien miexi lura d-dar wara li spicca mix-xoghol wahda mill-persuni feminili li kienu fit-triq staqsietu ghal sigarett u mexa lejha biex joffrilha sigarett, dahal gewwa u staqsiha jekk kienx kollox sew. Il-bieb inghalaq u warajh kien hemm ragel u quddiemu l- mara li bdiet tghajjat biex itiha l-flus. Ir-ragel gie quddiemu u qallu sabiex jghaddilha l-flus filwaqt li l-mara dahlet idejha fil-but u qabdet pakkett sigaretti, hareg il-wallet, hargitlu l-flus u telqet tigri 'l fuq mit-tarag u hemm thalla jitlaq. Meta hareg kien ghadu mxengel u wahda mit-tfajliet li kienu wara l-kantuniera giet tistaqsieh jekk kienx kollox sew fejn meta rrakontalha x'kien gara taghtu l-ismijiet taz-zewg persuni u mar dritt l-ghassa tal-Msida.
4. Illi kif gia osservat *supra,* dwar il-lok tal-incident xehdu diversi persuni u ma hemmx qbil dwar f'liema triq jinsab il-fond fejn l-allegat vittma jghid kien hekk aggredit. Fil-lanjanza tieghu, l-Avukat Generali jilmenta li l-ewwel Qorti ma setghetx tghaddi

ghal-liberazzjoni tal-imputati fuq haga minuri bhal din ghaliex wara kollox il-komparixxi hija biss *avviso di comparire* kif stabilit fil-gurisprudenza. Skond l-Avukat Generali u b'sostenn tal-gurisprudenza citata, kienu rispettati l-elementi rikjesti fl-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma kien hemm ebda nullita' fil-komparixxi b'dan illi l-imputati kienu jafu b'liema reati kienu qed ikunu mixlija u setghu ihejju b'mod adegwat ghad-difiza taghhom. Issa, fl-aggravju tieghu, l-Avukat Generali jillanja illi l-gurisprudenza dwar l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali hija cara fis-sens illi ma jkunx hemm nullita' tac-citazzjoni fil-kaz meta l-lok ikun indikat hazin;

5. L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Issa fil-kaz odjern, dawn ir-rekwiziti kollha huma prezenti izda kwantu l-lok, tissemma triq minflok ohra jigifieri filwaqt illi l-incident sehh gewwa l-fond "Ideal Flats", Triq Sir Ugo Mifsud, Gzira, (l-indirizz tal-imputat) ic-citazzjoni tindika Triq Testaferrata, Ta' Xbiex. Kif tajjeb osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Brincat** 30.4.2003 li taghmel referenza ghal dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg** 4.11.1994, il-fini li dawn id-dettalji ghandhom ikunu ndikati ma humiex ghal fini ta' validita' izda ghal fini ta' pratticita' u evitar ta' telf ta' zmien;

6. Illi ssir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** tat-3.08.2003 tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn skont l-imputat appellant ma kellux jinstab ħati tal-

imputazzjonijiet 'għaliex dawn kienu nieqsa mid-dettalji dwar il-post, il-ħin u ċ-ċirkostanzi li fihom seħħew l-allegati reati.' Il-Qorti qieset dan l-aggravju bħala wieħed fieragħ u osservat illi:

*Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar feliċi u li r-rferenza għall-post, ħin u ċirkostanzi f'kull imputazzjoni ma hi xejn ċara. Pero' kif din il-Qorti kellha okkażjoni tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwiżit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni u anqas ma jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minħabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruħu huwa jista' jġib l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tieħu l-miżuri neċessarji......Issa fil-każ in diżamina ma għandniex kawża sommarja iżda kumpilazzjoni. Meta għalhekk l-appellant ġie biex jagħmel id-difiża tiegħu huwa kien jaf eżattament b'liema fatti kien qed jiġi imputat u liema kienu r-reati li kienu qed jiġu ipotizzati fil-konfront tiegħu. Għalhekk dana l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.'*

7. Maghmula din l-osservazzjoni, jehtieg ukoll li jkun osservat illi fl-aggravju tieghu l-Avukat Generali jishaq illi n-nuqqas in kwistjoni konsistenti fl-indikazzjoni hazina tal-indirizz tal-fond fejn sehh l-allegat reat ma jgibx mieghu n-nullita'. Issa, ezaminata s-sentenza tal-ewwel Qorti, ma jirrizultax li qatt kien hemm dikjarazzjoni ta' nullita' u dak li l-ewwel Qorti ddecidiet kien li fi Triq Testaferrata gewwa Ta' Xbiex ma sehhx dak allegat ghaliex il-fond in kwistjoni huwa sitwat gewwa Triq Sir Ugo Mifsud gewwa l-Gzira. Din id-diskrepanza kienet minnufih evidenti mill-ewwel xhud tal-prosekuzzjoni u minkejja d-diversi

rinviji u seduti u minkejja li kien hemm korrezzjoni fic-citazzjoni b'zieda ta' imputazzjonijiet ohra, din id-diskrepanza ghaddiet inosservata mill-prosekuzzjoni;

8. Illi minn ezami akkurat tal-atti tirrizulta ukoll diskrepanza li certament ma ghaddietx inosservata mill-ewwel Qorti tant li hi riflessa fl-animu tal-korp tas-sentenza anke jekk mhux fi kliem tangibbli. L-allegat vittma xehed illi huwa kien ghaddej fi trieqtu lejn ir-residenza tieghu wara li spicca mix-xoghol fis-siegha jew siegha u nofs ta' filghodu u kien konxju tal-fatt illi dik it-triq hija notorja ghall-prostituzzjoni. Hin minnhom l-imputata talbitu sigarett u avvicina l-bieb taghha sabiex itiha sigarett. Wara li l-imputati hadulu l-flus u hareg barra, mara ohra innutat li kien mahsud u qaltlu l-isem taz-zewg imputati inkluz il-laqam tal-imputata. Fir-rapport li ghamel lill-Pulizija PS 90 xehed illi l-kwerelant kien qallu l-isem tal-imputata u l-laqam taghha u mar minnufih fuq il-post u jghid hekk testwalment: "*Minn hemmhekk imbaghad kont kellimtu rigward il-persuna kif jafha ghax jafha wkoll bil-laqam u qalli li hu jghaddi minn hemmhekk kwazi kuljum biex imur id-dar u naf li jisimha Josephine Grixti u bil-laqam jigifieri "occi"*. L-isem tal-imputat ma kienx jafu, minkejja li fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti, t-tfalja li assistietu qaltlu li kien jismu Clayton;

9. Illi l-gurisprudenza dwar dan il-punt hija wahda kopjuza u mhux dejjem tal-istess fehma ghaliex dan jiddependi mill-importanza tad-deskrizzjoni tal-lok, il-prossimmita' bejn lok u iehor, in-natura tal-izball fl-isem u l-effett ahhari fuq il-kawza ossia l-abbilita' tal-imputat li jiddefendi ruhu fuq dak il-fatt. Hekk per ezempju, u b'mod sintetizzat, fejn si tratta ta' incidenti stradali

il-gurisprudenza tghallem li l-lok tal-incident ghandu importanza kbira filwaqt illi f'kawzi ohra huwa ta' wahda minima u ta' ebda konsegwenza;

10. Issa, ghalkemm huwa mqieghed f'dubju kemm l-ewwel Qorti setghet jew le tghaddi ghal-liberazzjoni tal-imputati fuq id-diskrepanza tal-isem tat-triq, ezaminat mill-ottika tar-relevanza u importanza ta' dan l-isem u l-prossimita' ta' triq ma' ohra, jibqa' l-fatt illi l-ewwel Qorti rravizat diskrepanza serja fid-deposizzjoni tax-xhud kwerelant li xorta wahda setghet twassal ghal-liberazzjoni;

11. Illi kif inghad *supra*, fl-aggravju tieghu, l-Avukat Generali jishaq illi ma kien hemm ebda nullita' u minkejja dan, l-ewwel Qorti ma ddikjarat ebda nullita' u fl-istess waqt l-Avukat Generali ma jghidx ghaliex u kif l-ewwel Qorti kellha ssib htija fl-imputati dwar l-imputazzjoni rigwardanti l-21 ta' Lulju, 2014;

12. Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud;